MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1929/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tala-ssikurat taghha John's Gaarage Limited u l-istess John's Garage Limited**

**vs**

**Najy Ramadan Faraj**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundanat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mitt lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm800.15) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li gara fi Triq M. A. Vassalli, l-Imsida fid-9 ta' Gunju 2002 li fiha kienu nvoluti l-vettura DGY 063 propjeta' ta' John's Garage Limited u l-vettura HGY 005 misjuqa mill-konvenut u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza,

traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju 2003 u ta’ dik kontestwalment mibghuta mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontral-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-eccipjent m’’huwiex responsabbli ghall-incident.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll ikkontestat.
3. Salv eccezzjonijeit ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ PS1102 Robert Everest, ta’ Henry Myatt, ta’ Dr. Edmond Zammit Laferla u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident aawtomobilistiku li sehh fid-9 ta’ Gunju 2002 fi Triq M.A. Vassalli, l-Imsida bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DGY 063 misjuqa minn Henry Myatt, propjeta’ tas-ocjeta’ attrici John’s Garage Limited u assikurata taht polza tat-tip ‘Comprehensive’ mas-socjeta’ attrici Citadel Isurance plc u l-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni HGY 005 misjuqa mill-konvenut.

Henry Myatt isostni li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu f’Regional Road, sejjer fid-direzzjoni ta’ St. Andrews u kien fuq il-karreggjata ta’ barra. Waqt li kien taht il-Mina kien hemm vettura warajh u s-sewwieq beda jteptiplu d-dawl u jdoqqlu l-horn. Myatt jispjega li malli hareg mill-Mina huwa xeghel l-indicator sabiex jidhol fil-lane ta’ gewwa u malli ghamel hekk il-vettura ta’’ warajh issorpassatu minn fuq in-naha ta’ gewwa. Din il-vettura

giet quddiemu fuq il-lane ta' barra, zammet brake u ghalhekk Myatt ghafas il-brejk sabiex jevita l-habta izda inutilment ghaliex huwa baqa' diehel f'din il-vettura minn wara. Myatt jispjega li fuq l-inner lane kien hemm vetturi ohrajn u ghalhekk huwa ma setghax jigbed il-gewwa. Wara li sehh l-impatt is-sewwieq tal-vettura l-ohra, li kien il-konvenut, nizel mill-vettura tieghu ghajjar lil Myatt u bezaqlu f'wiccu u mbaghad qabad u telaq minn fuq il-post tal-incident.

Il-konvenut xehed li huwa kien qed jippjana biex jidhol fit-tunnel ta' qabel l-Universita' meta sema' daqqa warajh u waqaf. Il-konvenut jghid li huwa nizel mill-vettura 'rajt li ma kellix hsara, il-vettura l-ohra jidhirli li lanqas ma kellha hsara u jiena ghalhekk qbadt u suqt minn fuq il-post". Il-konvenrut isostni li huwa kien kellem lis-sewwieq l-iehor, staqsih jekk kienx rah quddiemuu meta dan tal-ahhar beda' jlaqlaq u huwa telaq minn fuq il-post. Dejjem skond il-konvenut huwa kien ra l-vettura ta' Myatt quddiemu qabel l-incident u kulhadd kien qed idoqqlu l-horn ghaliex kien qed izomm it-traffic. Il-konvenut donnu jammetti li huwa ssorpassa lil Myatt minn fuq il-lane ta' gewwa, huwa fil-fatt qal hekk "Hu kien qed isuq fuq il-lane ta' barra. Jiena kont ser novertajkjah min-naha ta' gewwa. Jiena xeghelt l-indicator biex nerga' nohrog fuq il-lane ta' barra u f'daqqa wahda hassejt id-daqqa. Qlajt id-daqqa meta kont diga' dhalt fl-outer lane u kont suqt bicca quddiemu."

It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet differenti dwar kif sehh l-incident, huwa sema' liz-zewg sewweiqa jixhdu viva voce u jghid minghajr ezitazzjoni li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija ghal kollox inverosimili filwaqt li l-verzjoni moghtija minn Myatt hija ferm aktar kredibbli. Inoltre mir-rapport tal-Pulizija (a fol. 14 et seq.) jirrizulta li l-verzjoni ta' Myatt giet korroborata miz-zewg passiggiera barranin li kienu rekbin fit-taxi misjuqa minn Myatt. Dan ikkonfermah PS1102 Robert Everest li xehed u kkonferma l-kontenut tar-Rapport u sppjega li dawn iz-zewg xhieda kienu tawh l-istess verzjoni tal-fatti ndikata minn Myatt. Huwa veru lli dawn iz-zewg xhieda ma ngabux sabiex jixhdu fil-proceduri odjerni minhabba l-fatt li kienu turisti u lahqu telqu minn Malta izda fir-rigward it-Triibunal jaghmel

referenza ghall-Artikolu 9(2)(b) tal-Kap. 380 li jistabbilixxi li Gudikatur "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun soddisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jaasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta". Dan it-Tribunal huwa pjenament sodisfatt li z-zewg xhieda barranin li kienu passiggiera fil-vettuira ta' Henry Myatt ikkoroboraw il-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija minn Myatt kif jirrizulta mir-Road Accident Report.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident de quo sehh unikament minhabba negligenza grossolana tal-konvenut li mhux talli ttenta jeffetwa manuvra ta' sorpass mill-karreggjata ta' gewwa izda mbaghad qabad u dahal quddiem il-vettura misjuqa minn Myatt, brejkja u holoq emergenza istantanja ghall-istess Myatt li ma kellux alternattiva ohra hllief li jibbrejkja sabiex jipprova jevita l-habta li kienet inevitabbli.

In kwantu jirrigwarda l-quantum tad-danni reklamati l-atturi esebew l-ircevuti kollha relattivi, liema ricevuti jirrigwardaw danni li huma perfettament konformi mad-dinamika ta' kif sehh l-incident de quo. Il-konvenut min-naha tieghu ghalkemm fir-risposta eccepixxa li d-danni reklamati kienu esagerati ma ressaq ebda prova intiza sabiex tikkontradici l-provi dwar id-danni prodotti mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mitt lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm800.15), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-halas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata konteswalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------